# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 81

7 ta' Mejju, 2018

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-2.07 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Joseph Bajada – Kunsillier
Maria Cassar Sultana – Kunsilliera
Margaret Said – Kunsilliera
Marie Georgette Spiteri – Ambaxxattiċi għaż-Żgħażagħ

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

**Aġenda Nru. 81**

81.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
81.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru. 80 – 8;
81.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
81.4 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv;
81.5 Risposta għall-Mozzjoni dwar l-ingaġġ ta' Skrivan/a *back to back*;
81.6 Ħruq tan-nar tal-ajru mill-konfini Ta' Sannat;
81.7 Ftuħ ta' Kwotazzjonijiet - Open Skip;
81.8 Ħatra tal-bordijiet għall-aġġudikazzjoni tal-offerti ġodda;
81.9 Rapport ta' kull kwart Jan - Mar 2018;
81.10 Deputat Segretarju - tiġdid;
81.11 Permessi - Festa Santa Margerita;
81.12 Ilmenti u Suġġerimenti;
81.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 5/2018;
81.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku Philip Vella ippresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 81.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

81.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 81.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti

81.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħa preċidenti Nru 80 – 8 li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Fuq dawn ma kienx hemm emendi u b'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 81.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

81.3.1 Is-Sindku qal li fl-okkazzjoni Ta' Jum Sannat, is-serata ta' nhar il-Ġimgħa 27 ta' April 2018 kienet waħda ta' suċċess fejn għall-ewwel darba ngħata r-Rikonoxximent Żagħażugħa fejn rat ir-rebbieħa Katya Muscat u għall-ebgħatax il-sena konsekuttiva, r-rebbieħ ta' Premju Ġieh Sannat tal-Kavallier Emmanuel Terribile. Matul din il-ġimgħa, il-Ħamis 26 ta' April 2018 sarret Field Day mit-tfal tal-iskola primarja Ta' Sannat fil-grawnd tal-futball fejn il-Kunsill xtara kotba, frott u medalji lit-tfal.

81.3.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kuntrattur Peter Paul Said beda x-xogħolijiet skond l-offerta SNTLC 01/2018 fi Triq il-Kalati wara li ngħatajna l-permessi meħtieġa kemm minn dak li applika l-Kuntrattur ma' Transport Malta u minn naħa ta Development Planning Fund minn fejn ser titħallas din it-triq. Il-Kunsill informa lir-residenti tal-madwar b'avviż li f'din it-triq ser isiru x-xogħolijiet fil-jiem li ġejjin.

81.3.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fuq il-mezzi tax-xandir id-Development Planning Fund li qabel kienet tissejjaħ Urban Imporvement Fund fi ħdan l-Awtorita' tal-Ippjanar infurmat li l-Kunsilli Lokali ssa se jibbenefikaw minn inizjattiva Sebbaħ il-Lokal fejn dawk il-Kunsilli Lokali li sa s-sena 2017 kellhom inqas mill-ammont ta' mitt elf euro allokati mid-DPF u li dawn il-Kunsilli fosthom il-lokalita' Ta' Sannat se jibbenefikaw sa €50,000 jekk ikollhom inizjattiva ta' tisbieħ permezz ta' greeenery jew tisbieħ ta' spjazzji miftuħa. Il-Kunsill se japplika għal pjazzetta fejn hemm il-monument ta' Mro. Vincenzo Caruana Spiteri, l-isqaq ta' Dun Anastas fi Triq Ta' Ċenċ u Triq Marsilja fejn se jitħawlu ammont ta' siġaru w arbuxxelli mill-Urban Green Project.

81.3.4 Is-Sindku qal li dwar il-kuntratt tal-playing field fi Triq Marziena datat 20.12.2012 u li l-Kunsill għandu mall-UIF (Planning Authority) issa DPF jrid jitkompla biex dan il-proġett jiġi konkluż. Hu qal li kull ma għad fadal hu li jsir l-fencing ta' madwar dan il-playing field minn Triq Sannat kantuniera ma' Triq Marziena. Għalhekk il-Kunsill qabel li x-xogħol għal dan il-fence jinqasam, billi l-Kunsill jixtri l-materjal tal-ħadid u nġabru kwotazzjonijiet ta' min jista jaħdem dan il-ħadid ta dan il-fence. L-istejm miġburu għax-xogħol ta' dan il-fence huma ta' Charlie id-Dada għal prezz ta' €4991.40, GGC għal prezz ta' €9263.00 u ta' Reuben's Iron Works għal prezz ta' €11,193.48. Il-Kunsill għażel l-irħas kwotazzjoni għax-xogħolijiet ta' dan il-fence dik ta' Charlie id-Dada. Il-Kunsill għandu jara kemm ser jiġi jiswa l-materjal tal-ħadid.

81.3.5 Is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali ma setgħax jipparteċipa fil-Gozo Alive permezz tal-Car show. Dan għaliex dakinhar stess kienet ser isir Car Show ieħor f'lokalita' oħra f'Għawdex u ma kienx ser ikun hemm konkorenza tajba minn dawk li s-soltu jessebixxu l-vetturi tagħhom.

81.3.6 Is-Sindku qal li l-bieraħ fil-Ġnien tal-Bidwi sarret l-attivita' mtelgħa minn Tikka Banda produzzjoni mtelgħa parti mill-programm ta' Valletta 18 bl-isem Ġaħan. L-attendenza għal din l-attivita' kienet waħda tajba.

## 81.4 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

81.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li dwar Miżura 4.3 *Support for investments in infrastructure related to development, modernisation or adaptation of agriculture and forestry - Improving Farm Access Roads in Ta' Sannat, fondi ewropej* għall-għoti ta' Triq Bardan bit-tarmak saret laqgħa apposta dwar dan nhar il-Ħamis 3 ta' Mejju 2018, fl-uffiċċju ta' ARPA l-Għammieri, Malta u li l-kuntratt ta' dan il-proġett diġa ġie ffirmat.

81.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li wara li għalqet it-Tender SNTLC 02/2018 tal-Urban Street Sweeping and Cleaning in Ta' Sannat nhar it-Tlieta 24 ta' April 2018, il-bord tal-aġġudikazzjoni għal din l-offerta ltaqgħa u evalwa din l-offerta nhar il-Ħamis 26 ta' April 2018 fejn irriżulta li wieħed biss ssotometta din l-offerta li hu Nicholas Zammit għal prezz ta' €15762.71 eskluż il-VAT fis-sena. Il-bord ma kellux x'jikkumenta peress li din kienet l-unika offerta. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li din l-offerta hija ferm għola minn dik li biha kien qed jaħdem il-Kunsill dan l-aħħar.

81.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li wara li għalqet it-Tender SNTLC 03/2018 tal-Construction of Paving Works in Ta' Sannat. Il-bord għandu jerġa jiltaqa sabiex jgħamel ir-rapport tiegħu. Meta dan r-rapport ikun lest il-Kunsill se jkun jista jilqgħa din l-offerta biex jibda diversi xogħolijiet ta' bankini.

81.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill dwar il-kuntratti tas-servizz tal-Bulky Refuse u tal-Accountant. Il-Kunsill qabel li dawn għandhom jerġgħu jiġu mġedda. Dwar is-servizz tat-tindif tal-latrina pubblika fi Triq Sannat għandhom jinġabru kwotazzjonijiet ġodda wara Lulju ta' din is-sena.

81.4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-Kumpanija WasteServ permezz ta' kuntratt ġdid ser tibda tħallas minn Jannar ta' din is-sena għal żewġ ġabriet tal-iskart organiku minflok waħda biss bħal qabel. Għalhekk il-Kunsill qabel li kull nhar ta' Sibt mis-16 ta' Ġunju sal-15 ta' Settembru, l-Kuntrattur ta' ġbir tal-iskart domestiku ser jitqabbad biex jiġbor il-borża s-sewda dak tal-iskart mħallat.

81.4.6 Is-Segretarju Eżektuttiv nforma lill-Kunsill li d-DLG tat l-approvazzjoni lill-Kunsill biex iġedded l-isħubija tiegħu fil-Gozo Action Group. Il-Kunsill qabel li ssa ser iħallas din l-isħubija.

81.4.7 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li għal Jum Sannat din is-sena waħal bnadar żgħar tal-Kunsill, tal-E.U. u ta' Malta ma arbli apposta mall-fanali dekorattivi tad-dawl tal-Pjazza Santa Margerita. Bandiera minnhom dik tal-E.U. bir-riħ taret u ma nsabietx. Għalhekk il-Kunsill qabel li jordna oħra minflokk.

81.4.8 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl.

| | |
|---|---|
| SPI 3/2018 | Skema ta' Tagħlim u Proġetti Edukattivi fil-Komunita' |

| | |
|---|---|
| SPI 4/2018 | Monumenti f'Malta u Għawdex |
| SPI 5/2018 | Attivita' Light Up the Night |

## 81.5 Risposta għall-Mozzjoni dwar l-ingaġġ ta' Skrivan/a *back to back*

81.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal lill-Kunsill li l-għada tal-aħħar laqgħa preċedinti hu rċieva Mozzjoni ffirmata mill-Viċi Sindku, l-Kunsilliera Cassar Sultana u l-Kunsilliera Said dwar post vakanti ta' skrivan/a ġdida fil-Kunsill Lokali Ta' Sannat u biex tissejjaħ laqgħa b'urġenza u b'hekk waqqaf il-proċess kollu biex jitkompla x-xogħol biex tissejjaħ l-vakanza minn Parti 2 tal-Jobplus. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fil-fratemp ħa l-parir mingħand id-DLG dwar dan. Il-Monitoring Unit tad-DLG wieġbet billi kwotat il-ligi fejn qal li r-rapport tal-bord tal-għażla jrid jiġi approvat, jew mod ieħor kif imressaq. Inoltre, kantidata, sabiex ssirilha l-intervista, irid ikollha r-rekwiżiti kollha meħtieġa għal dak il-post. Ġaladarba l-kanditata eleġibbli ma ġabitx l-iskor meħtieg mill-bord ma tistax tkun kwalifikata għal dak il-post. Huwa qal li l-Monitoring Unit stipulat mir-Regolament 14(2) tar-Regolamenti Kunsill Lokali dwar Riżorżi Umani, fejn jistipola illi s-Segretarju Eżekuttiv, bħala ex-officio għandu dritt għal vot. Għalhekk il-Kunsill qabel biex terġa tintbgħat imejl oħra lid-DLG biex tigwida jekk jistgħax jibdel il-bord u terġa ssir l-intervista lill-istess pesuna nteressata.

## 81.6 Ħruq tan-nar tal-ajru mill-konfini Ta' Sannat

80.6.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li bħal kull sena il-Kappillan tal-Munxar kiteb biex il-ħruq tan-nar tal-ajru fil-festa ta' San Pawl Nawfragu jsir mill-konfini Ta' Sannat. Hu qal li bħal ma jaf kullħadd wara din il-festa l-Kunsill Lokali jirċievi numru konsiderevoli ta' ilmenti mingħand r-residenti dwar materjal bħal kartun, xi fdallijiet tan-nar li ma jkunx inħaraq u anke xi drabi perikoluż fuq bjut u btieħi ta' postijiet residenzjali fi diversi toroq, inkluż fil-bitħa tal-iskola, playing field u l-grawnd tal-futbol. Għalhekk inkitbet ittra lill-Pulizija biex il-Kunsill jara jekk hemm distanza skond l-Ordinanza dwar l-Espolżivi (Legislazzjoni Sussidjara 33.03).

## 81.7 Ftuħ ta' Kwotazzjonijiet - Open Skip

81.7.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill li l-Kuntrattur tal-Open Skip ta' kull nhar ta' Sibt bejn l-10.00 a.m. sa nofsinhar u jekk jimtela qabel dan jitneħħa, kien talab li jwaqqaf dan is-servizz għalhekk inġabru hand quotations ssiġilati għal dan is-servizz. L-erbgħa kwotazzjonijiet li nġabru nfetthu waqt din il-laqgħa u dawn kienu ta':
LTLM Ltd. għal prezz ta' €45.24,
Joseph Mercieca għal prezz ta' €49.50,
Savio Debrincat għal prezz ta' €55.00 u
Joseph Grima għal prezz ta' €58.00.
Il-Kunsill għażel l-irħas offerta dik ta' LTLM Ltd. għal prezz ta'€45.24ċ. Dan għandu jibda minn nhar is-Sibt li ġej 11 ta' Mejju 2018.

## 81.8 Ħatra tal-bordijiet għall-aġġudikazzjoni tal-offerti ġodda

81.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fil-qrib ser tiġi ppubblikata l-offerta għax-xogħolijiet ta' tarmak ta' Triq Bardan minn Miżura 4.3 għalhekk qed tiġi ppreparata din l-offerta. Il-Kunsill ħatar bord tal-għażla għal din l-offerta li se jkun kompost mis-Sindku ċ-Chairperson, mill-Avukat Dr Larry Formosa, l-Accountant Paulina Said, l-Perit Gordon Vella u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala s-Segretarju tal-bord.

## 81.9 Rapport ta' kull kwart Jan - Mar 2018

81.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport tal-ewwel kwart Jannar – Marzu 2018 u li dan kien intbgħat minn qabel permezz ta' imejl lill-Kunsillieri. Il-Kunsill qabel ma dan ir-rapport u approvaħ.

## 81.10 Deputat Segretarju - tiġdid

81.10.1 Il-Kunsill kien talab lid-Deputat Segretarju s-Sur Ivan Attard jekk hux lest li jġedded il-kariga ta' Deputat Segretarju mall-Kunsill Lokali Ta' Sannat, dan wara li ser jiskadu d-90 jum nhar il-15 ta' Mejju 2018. Is-Sur Attard nforma lill-Kunsill li huwa lest li jġedded din il-kariga għalhekk il-Kunsill se jinforma b'dan lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali

## 81.11 Permessi - Festa Santa Margerita

81.11.1 Il-Kunsill wara li saret diskussjoni dwar il-permess tal-kiosks fi żmien il-festa ta' Santa Margerita ddeċieda li għandhom ikunu bħal dawk tas-sena l-oħra bid-differenza li dawk minn Ta' Sannat tingħatalhom l-ewwel preferenza fejn jarmaw.

## 81.12 Ilmenti u Suġġerimenti

81.12.1 Is-Sur Toni Bajada li joqgħod fi Triq David Cocco Palmeri qed jitlob biex isiru double yellow lines faċċata tal-garaxx tiegħu peress li mhux qed ikun jista' jdaħħal l-vettura tiegħu fil-garaxx. Il-Kunsill qabel li għanu jibgħat lill-Transport Malta biex jara jekk dan jistgħax isir.

81.12.2 Residenti qed jilmentaw li s-siġra li tinsab fi Triq il-Kbira qed tgħatti l-mera fl-istess triq u dan huwa ta' periklu għal kull min jkun ħiereġ minn Triq Saguna. Din siġra nżabret mill-ħaddiema assenjati mall-Kunsill.

81.12.3 Is-Sur Joe Attard ta' Triq Gerxija qed jilmenta li meta saret t-triq l-kuntrattur għamel ħsara fil-main tad-drenagg u dan b'detriment għalih. Il-Kunsill għandu jibgħat jinforma lid-Dipartiment tax-Xogħolijiet u Żvillup fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, lid-Dipartiment tad-Drenaġġ fi ħdan il-Korporazzjoni tal-Ilma u lill-Kuntrattur konċernat biex dan l-inkonvenjent jiġi rrangat mill-aktar fis.

81.12.4 Is-Sur Chrismar Xuereb uffiċjal mill-Kunsill Lokali Ix-Xewkija nforma lill-Kunsill permezz ta' imejl peress li rċieva xi lmenti fejn qed jitlob li ssir mera fi Triq ta' Mġarr ix-Xini fejn hemm passaġġ li jagħti għal wied biex jitnaqqas il-periklu xħin wieħed jiġi biex joħrog għat-triq prinċipali. Il-Kunsill ma qabilx ma din it-talba.

81.12.5 Is-Sur Adeodato Bugeja ta' Triq Marsilja qed jitlob biex il-ħadida li hemm quddiem residenza fl-istess Triq ssir tali mod lit kun tista tinqala' peress li ġara l-kaz li ġiet l-ambulanza u l-pazjent ma setax jinħareġ minn ġod-dar. Il-Kunsill qabel li din għandha tiġi rranġata li tkun tistgħa tinqala u titwaħħal.

81.12.6 Is-Sur John Cauchi li joqgħod fi Triq il-Kbira qed jitlob li tiġi rranġata n-naħa ta' fuq ta' Triq Mġarr ix-Xini. Il-Kunsill qal li dwar dan l-ilment l-Kunsill nforma lill-Ministeru għal Għawdex.

81.12.7 Is-Sindku qal li fi Triq Ġerxija magħrufa bhala Ta' Żabbetta qed isir bini ta' ħajt tal-kantun tal-qawwi mill-ħaddiema tal-Gvern.

81.12.8 Is-Sindku qal li qed jirċievi diversi lmenti dwar l-entratura ta' Triq Mġarr ix-Xini fejn hemm l-irżiezet u li din il-parti ta triq tħalliet barra meta ngħatat it-triq bil-konkos. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa jibgħat jinforma b'dan lill-Ministeru għal Għawdex biex għalmenu jsir patching sew lil din it-triq qabel jidħol sew l-istaġun tas-sajf.

## 81.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 5/2018

80.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti Nru. 5/2018 biex dawn il-kontijiet ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ipprezentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## 81.14 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

80.11.1 Il-laqgħa ntemmet fl-3.45p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 11 ta' Ġunju 2018, fis-2.00 p.m.

Konfermati, illum 11 ta' Ġunju 2018.

(Iffirmata)

Philip Vella
Sindku

(Iffirmata)

Jason Curmi
Segretarju Eżekuttiv